11 ta' Ġunju, 1951.

Imħalfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Maroz*z* sive Maurizio Balzan *versus* Angelo Mifsud

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ritrattazzjoni — Qerq — Art. 314 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. u Art. 43 tal-Kap. 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta.**

*Biex ikun hemm lok għar-ritrattazzjoni ta' kawża maqtugħa mill-Board tal-Kera fuq il-motiv li s-sentenza ġiet otteunta minħabba qerq ta' parti waħda kontra l-oħra, hemm bżonn mhux biss li dik il-parti tkun użat xi qerq jew għamlet xi dikjarazzjonijiet foloz jew mhux konformi għall-verità, imma hemm bżonn essenzjalment li dik il-parti tkun otteniet is-sentenza favur tagħha bħala effett ta' dak il-qerq, jew ta' dawk id-dikjarazzjonijiet foloz jew inveridiċi; b'mod li mingħajrhom is-sentenza kienet tkun xort'oħra.*

Il-Qorti — Rat it-talba tar-rikorrent Balzan quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex, previa r-revoka tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1950 fir-rikors nru. 1090 ta' l-1951, tiġi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess rikors, fuq il-motiv ta' qerq użat bid-dikjarazzjoni falza magħmula mill-imsemmi Mifsud fix-xhieda tiegħu, skond l-art. 841 (a) tal-Proċedura Ċivili u skond l-art. 43 tal-Kap. 109, Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ppremetta li l-istess Mifsud irnexxielu jieħu deċiżjoni favorevoli għax iddikjara li fil-familja tiegħu jinsab huwa, il-mara u sitt itfal, u li huwa jixtieq imur fil-post okkupat minn Balzan għax għandu familja qiegħda tikber, u l-post li offra lil Balzan huwa wkoll proprjetà tiegħu, mentri Mifsud ma għandux ħlief tlitt itfal mill-ewwel mara, u ma għandux

tfal oħra mit-tieni mara li ħa ħames snin ilu; u barra minn dana, il-post nru. 4 St. Mark Street, Żebbuġ, li kien offert bħala "alternative accommodation", ma jappartjenix lilu u lanqas ma għandu l-kunditajiet minnu allegati;

*Omissis:*

Rat is-sentenza tal-Board li jirregola l-Kera tal-5 ta' Marzu 1951, li biha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti għar-ritrattazzjoni, bl-ispejjeż mingħajr taxxa; billi ġie kunsidrat;

Illi r-rikorrent Balzan qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni fuq il-motiv kontemplat f'section 811 (a) li jiddisponi :— "Jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara ta' l-oħra"; kif ukoll fuq il-motiv kontemplat appożitament f'section 43 tal-Kap. 109, li jgħid :— "Jekk jinsab li waħda mill-partijiet ħadet deċiżjoni favorevoli mill-Board minħabba dikjarazzjoni falza magħmula minnha..........";

Illi l-istess Balzan jippretendi li Mifsud kien ottjena sentenza favorevoli għax fix-xhieda tiegħu kien qal (jew almenu hekk hemm traskritt) li l-familja tiegħu jinsabu hu, il-mara u sitt itfal, mentri fil-fatt għandu tlitt itfal mill-ewwel mara u ma għandux tfal oħra mit-tieni li hu żżewweġ xi erba' snin ilu. Mifsud kien xehed ukoll li għandu familja qiegħda tikber, mentri fil-fatt mit-tieni mara ma kellux u lanqas qiegħed jistenna (almenu l-lum) li jkollu;

Illi jidher li Mifsud kien għamel xi dikjarazzjonijiet foloz fid-depożizzjoni tiegħu, għax huwa ferm improbabbli li huwa kien xehed li għandu tlitt itfal, iżjed u iżjed li l-espressjoni "għandu familja li qiegħda tikber" tfisser li għadu qiegħed iżid fin-numru tat-tfal, avvolja bi "stretch" ta' l-immaġinazzjoni wieħed jista' jinterpreta dik l-espressjoni fis-sens li t-tfal qegħdin jikbru. Mifsud kien qal ukoll li l-fond fejn kien joqgħod ("Triq San Martin" u mhux "Triq San Mark") kien tiegħu, mentri dak il-fond jappartjeni lil missieru; imma din ma għandhiex tikkunsdra ruħha bħala dikjarazzjoni falza; għax evidentement Mifsud biha ried jipprova d-disponibilità tal-fond, u deherlu li għax ta' missieru jista' jiddisponi minnu. Hemm ukoll l-allegazzjoni li Mifsud ma ddeskriviex sewwa l-konsistenza tal-fond; dan huwa veru, imma d-deskrizzjoni li huwa ta tal-fond kienet, jekk qatt, kontra tiegħu stess,

għax dana l-*fond offert* bħala "*alternative accommodation*" lil Balzan huwa akbar minn kif iddeskrivieh **Mifsud. Fil-fatt,** iż-żewġ għorof ta' l-ewwel pjan lanqas issemmew fid-depożizzjoni li kien ta qabel;

Illi għal dik li hi ritrattazzjoni hemm bżonn mhux biss li xi waħda mill-partijiet tkun użat xi qerq jew għamlet xi dikjarazzjonijiet foloz, iew mhux korrispondenti għall-verità, imma huwa essenzjali li dik il-parti tkun otteniet is-sentenza favur tagħha bħala effett ta' *dak il-qerq jew ta'* dawk id-dikjarazzjonijiet *foloz jew inveridiċi. Dana huwa għaliex ir-rimedju tar-ritrattazzjoni ma* kienx intiż biex ikun sanzjoni ta' kwalunkwe irregolarità kommessa minn xi waħda mill-partijiet, imma għandu bħala skop li jagħti lill-ġudikant il-mezz biex jerġa' jeżamina t-talba jekk is-sentenza tiegħu kienet l-effett ta' dik l-irregolarità, u fil-każ preżenti ta' dak il-qerq jew dikjarazzjonijiet foloz allegati magħmula mill-imsemmi Mifsud;

Illi mill-istess sentenza ta' dana l-*Board* tal-11 ta' Diċembru 1950 jirriżulta li l-*post offert* bħala "*alternative accommodation*" *gie* kkunsidrat "suitable" għall-imsemmi Balzan, u allura l-istess Mifsud, indipendentement mill-ineżattezzi rilevati fuq, eżistenti fl-ewwel depożizzjoni tiegħu, ottiena deċiżjoni favorevoli, għax iddikjara li jrid innur joqgħod hu stess fil-post tiegħu u għaliex għall-intimat fl-ewwel rikors (Balzan) kien hemm "available" "alternative accommodation" li mill-Board giet kunsidrata "suitable", fuq il-prinċipju li dejjem segwa l-Board, li meta jkun *hemm* "available alternative accommodation" li tkun "suitable", ma hemmx raġuni għaliex għandu *jibqa'* sospiż id-dritt tal-preferenza tas-sid;

Illi għalhekk, avvolja forsi kien hemm xi qerq jew xi dikjarazzjonijiet foloz ta' Mifsud, is-sentenza ma ttieħdetx minn dan minħabba fihom; u allura ma jsibux applikazzjoni d-dispożizzjonijiet ta' section 814 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura (Kap. 15), u lanqas id-dispożizzjoni ta' section 43 tal-Kap. 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-petizzjoni tar-rikorrent appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-Board tal-5 ta' Marzu 1951 u l-laqgħa tat-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni tar-rikors numru 1090 ta' l-1950; bl-ispejjeż kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni għar-raġuni tal-fatt minnu allegat li fix-xhieda tiegħu quddiem il-Board, fl-okkażjoni tas-smiegħ tar-rikors tiegħu numru 1090 ta' l-1950, l-appellat kien għamel dikjarazzjonijiet foloz, billi qal li flok tlieta kellu sitt itfal, li l-familja kienet qiegħda tikber..........;

Illi skond l-art. 43 tal-Kap. 109 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-ritrattazzjoni tista' tingħata meta wieħed ikun ħa deċiżjoni favorevoli għalih minħabba dikjarazzjoni falza; u skond l-art. 814 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tingħata ritrattazzjoni jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara ta' l-oħra. Imnela, biex tingħata r-ritrattazzjoni, is-sentenza trid tkun ġiet mogħtija b'effett u bħala konsegwenza tal-qerq jew dikjarazzjoni falza ta' min ikun rebaħ, u għalhekk dak il-qerq u dik id-dikjarazzjoni jridu jkunu rilevanti u deċiżivi għall-każ in kwistjoni, b'mod li mingħajrhom is-sentenza setgħet kienet xort'oħra. Jekk bid-dikjarazzjoni u l-qerq kollu, jew mingħajrhom, is-sentenza kienet tkun l-istess, allura lok ta' ritrattazzjoni ma jkunx hemm, għax is-sentenza ma tkunx waslet għall-konklużjoni tagħha minħabba l-qerq u d-dikjarazzjoni falza;

Ikkunsidrat;

Illi, kif irrilevat is-sentenza appellata, id-dikjarazzjoni li l-fond offert kien ta' l-appellat kellha tiftiehem mhux fis-sens li l-fond kien proprjetà ta' l-appellat, iżda fis-sens li l-fond, billi ta' missieru, kien disponibili. Id-deskrizzjoni tal-fond li semma l-appellat ma kienetx korretta; iżda peress li huwa ħalla barra żewġ għorof, ħsara seta' biss għamel lilu nnifsu, u mhux lill-appellant; għax li kieku semma ż-żewġ għorof ukoll, din kienet tkun ċirkustanza rilevanti kontra l-appellant u favur l-appellat; u għalhekk qatt ma setgħet kienet kawża tad-dispożitiv tas-sentenza kontra l-appellant. Il-kobor tal-familja ta' l-appellat lanqas kien bżżejjed biex il-Board jasal għal konklużjoni favur l-appellat, għax kien hemm raġunijiet deċiżivi oħrajn li fuqhom il-Board wasal għall-konklużjoni favur l-appellat. U tabilħaqq, il-Board iddeċieda favur l-appellat għar-raġuni li dana ddikjara li ried il-post tiegħu biex

imur joqgħod fih hu stess, fil-waqt li għall-appellant kien "available" post ieħor li l-Board ikkunsidra adatt għall-appellant, u għalhekk l-appellat kien intitolat għall-preferenza. Għaldaqstant ma kienux id-dikjarazzjonijiet foloz allegati mill-appellant li għiegħlu l-Board jasal għal konklużjoni favorevoli għall-appellat fis-sentenza mogħtija fuq ir-rikors numru 1090 ta' l-1950;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Board, li huma mħaddna in kwantu kompatibili mal-premess, il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent appellant, tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li l-ispejjeż ta' dina l-istanza jitħallsu mill-appellant.

---